**6 ta' Marzu, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Albert Cockram

*versus*

Direttur tas-Sigurta` Soċjali

**Kap. 318 - Pensjoni**

*Il-pensjoni li min ikun impjegat hu ntitolat għaliha skond l-Att dwar is-Sigurta` Soċjali tkun ikkalkolata fuq il-bażi tal-medja fis-sena tal-paga jew salarju bażiku tagħha matul l-aħjar tliet snin konsekuttivi fiż-żmien ta' l-aħħar għaxar snin kalendarji konsekuttivi li jiġu minnufih qabel dik il-persuna tirtira jew issir invalida.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell mis-segwenti deċiżjoni ta' l-Arbitru taħt l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurta` Soċjali:

"Dan l-appell huwa kontra d-deċiżjoni tad-Direttur, li għall-komputazzjoni tal-pensjoni ħa s-snin 1992-1993-1994 bħala l-aħjar tliet snin konsekuttivi mentri l-appellant jgħid li kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni s-snin 1985-1986-1987;

Il-vertenza bejn il-partijiet hija dwar l-interpretazzjoni tal-kliem "l-aħjar tliet snin kalendarji konsekuttivi" fil-paragrafu (1) tat-Tlettax-il Skeda. Id-Direttur isostni li t-tliet snin iridu jkunu "sħaħ" fis-sens li matulhom kollha l-persuna tkun effettivament impjegata, mentri l-appellant isostni li l-perijodu ta' tliet snin konsekuttivi jibqgħu applikabbli anke jekk ikun hemm xi żmien li fih il-persuna ma tkunx impjegata effettivament;

L-Arbitru jaċċetta t-teżi tad-Direttur għal dawn ir-raġunijiet:

Sena kalendarja ma tistax tibqa' kkunsidrata bħala sena jekk parti minnha ma tkunx ta' l-istess mod;

It-tliet snin konsekuttivi jridu jkunu "li dwarhom il-kontribuzzjoni dovuta tkun tħallset jew titqies li tħallset skond dan l-Att" u għalhekk meta wieħed ma jkunx *gainfully occupied* ma jkunx persuna assigurata skond l-Att u għalhekk ma jkunx hemm kontribuzzjonijiet dovuti, imħallsa jew akkreditati;

L-enfasi fl-imsemmi paragrafu ta' l-iskeda huwa fuq li l-persuna "kienet impjegata";

Huwa veru li f'xi każi jkun hemm anomalija meta l-aħjar tliet snin ma jkunux "sħaħ" u persuna li ma jkollhiex xi perijodu ieħor ta' tliet snin konsekuttivi "sħaħ" jiġi applikat il-kalkolu a bażi ta' "xhur kalendarji", iżda din il-konsiderazzjoni tista' tkun valida *de lege condenda* u mhux *de lege condita*;

Kif ivverbalizzat fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 1995, l-appellanti għamel żmien li ma kienx *gainfully occupied* fis-snin 1986 u 1987 u għalhekk ma jistax jippretendi li l-perijodu ta' l-

aħjar tliet snin konsekuttivi jinkludi s-snin 1986 u 1987;

Għalhekk l-Arbitru jiċħad l-appell ta' Albert Cockram";

L-aggravju ta' l-appellat (*recte* appellant) jikkonsisti fil-fatt li hu jilmenta illi d-Direttur tas-Servizzi Soċjali, meta ħa in konsiderazzjoni liema huma l-aqwa tliet snin matul dawn l-aħħar għaxar snin fil-kuntest tad-dħul tiegħu, iddeċieda li jħares **biss** lejn is-snin 1992-1993-1994 minħabba li dawn it-tliet snin inħadmu kollha minnu u għalhekk kienu jikkwalifikaw bħala konsekuttivi għall-fini tal-liġi. Finanzjarjament pero' dawn kienu l-agħar tliet snin tar-rikorrent. Dan mhux tort tiegħu billi kellu jkompli b'din il-paga minħabba li kien weġġa' u baqa' jsofri minn din l-*injury*;

Ma jista' jkun hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatti rilevanti għar-rikors;

*Omissis*;

Kif sewwa rrileva u rreġistra l-arbitru, il-fatt kruċjali għad-determinazzjoni ta' l-appell hu dak ammess mill-istess rikorrent illi fiż-żmien rilevanti hu kien għamel żmien li ma kienx *gainfully occupied* fis-snin 1986 u 1987. Ġustament allura l-arbitru ikkonkluda li l-appellant ma setax jippretendi li l-perijodu ta' l-aħjar tliet snin konsekuttivi jinkludu dawn is-snin;

Il-Qorti taqbel li l-appell jirrisolvi ruħu fl-interpretazzjoni tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 318 ta' kif jiġi kkalkolat id-dħul pensjonabbli għall-fini tal-pensjoni li **min ikun impjegat** hu intitolat għaliha skond l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali. Jidher li l-interpretazzjoni li ta l-Arbitru hi dik ġusta u konformi kemm mal-

kelma tal-liġi kif ukoll ma' l-ispirtu tagħha. Indubbjament il-liġi tqis li tali pensjoni tkun ikkalkolata fuq il-bażi tal-**medja fis-sena** tal-paga jew salarju bażiku tagħha **matul l-aħħar** (*recte* l-aħjar) **tliet snin konsekuttivi** fiż-żmien ta' l-aħħar għaxar snin kalendarji konsekuttivi li jiġu minnufih qabel ma dik il-persuna tirtira jew issir invalida. L-elementi li fuqhom għandu jsir il-kalkolu jidher allura li għandhom ikunu li:

Il-kontribwent ikun **impjegat**;

Li jrid jittieħed perijodu ta' impjieg ta' għaxar snin kalendarji konsekuttivi **immedjatament** qabel irtira;

Li f'dawk l-għaxar snin il-persuna kontribwenti tkun ħallset jew titqies li ħallset skond l-Att; u

Li minn dak il-perijodu ta' għaxar snin tittieħed il-medja ta' l-aħjar tliet snin kalendarji konsekuttivi;

Jirriżulta ppruvat li l-appellant qed jippretendi li għandu jiġi *assessed* għall-fini tal-pensjoni tiegħu fuq il-paga medja ta' tliet snin li fihom *ex admissis* hu ma kienx *gainfully occupied* u żgur li dan il-perijodu tħallsu kontribuzzjonijiet minnu għal żmien meta hu ma kienx qed jaħdem. Il-Qorti ma tarax allura b'liema raġunament l-appellant jista' jippretendi li hu jissodisfa l-elementi kollha biex ir-rata tal-pensjoni tiegħu tiġi kkalkolata fuq il-bażi ta' snin li fihom ma kienx *in insurable occupation*. Kif sewwa innota l-intimat, l-appellant fiż-żmien rilevanti kellu interruzzjoni fl-impjieg tiegħu, li anke jekk kienet ġustifikata minħabba raġunijiet mediċi, xorta tiskwalifikah milli jutilizza dawk is-snin partikolari għall-komputazzjoni tal-pensjoni li għaliha hu intitolat;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.